



INTRODUZZJONI

L-aktar sfida importanti li qed naffaċċjaw illum hija li nwaqqfu t-tibdil fil-klima li qed tmur għall-agħar. Hemm ħafna x'nistgħu – u li jeħtieġ – li nagħmlu biex id-dinja tikkonsma inqas enerġija u tkun aktar favur il-klima. Dan ifisser li nsibu soluzzjonijiet li jgħinuna nnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet b'effett ta' serra. Minbarra li dan huwa tajjeb għall-pjaneta, huwa tajjeb ukoll għas-saħħha tagħna (inqas tniġġis) u l-ekonomija, peress li joħloq impjiegi ġodda.

L-istudenti jistgħu jesploraw:

- Liema miżuri ta' adattament għall-klima qed jgħinu lin-nies fid-dinja biex ilaħħqu mal-impatti eżistenti tat-tibdil fil-klima (ara l-worksheet ta' "L-Adattament għat-tibdil fil-klima")
- Kif it-tnaqqis tad-dipendenza tagħna fuq il-fjuwils fossili u ż-żieda tal-użu tagħna tal-enerġiji rinnovabbli jistgħu jkunu ta' benefiċċju għalina b'modi differenti (ara l-worksheet "Il-klima u l-enerġija").
- Kif l-industriji b'emissjonijiet kbar qed inaqqsu l-marka tal-karbonju tagħhom permezz tal-iżvilupp ta' teknoloġiji ġodda (ara l-worksheet "Soluzzjonijiet għall-industrija")
- Ir-rwol vitali tal-foresti fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima (Ara l-worksheet "Il-Foresti – il-protetturi tal-klima tagħna")
- L-azzjonijiet li l-gvernijiet lokali u l-individwi nfushom jistgħu jieħdu biex isibu soluzzjonijiet għat-tibdil fil-klima (ara l-worksheet "Nieħdu azzjoni")
- X'passi qed tieħu l-komunità internazzjonali biex tiġġieled l-effetti tat-tibdil fil-klima (ara l-worksheet ta' "L-azzjoni internazzjonali")

Riżorsi addizzjonal:

- L-għoddha online Our Planet, Our Future:
https://ec.europa.eu/clima/sites/youth/solutions_mt
- Climate-ADAPT:
<https://climate-adapt.eea.europa.eu/>
- Il-Patt tas-Sindki:
<https://www.covenantofmayors.eu/>
- Żvilupp sostenibbli tal-UNESCO:
<https://en.unesco.org/themes/education-sustainable-development/cce>
- L-għoddha edukattiva Belġjana "MY2050":
<http://www.my2050.be/2050/en-be/build-your-own-scenario/webtool-my2050/>